# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/792

**tas-6 ta' Mejju 2021**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2307 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

(2) L-Artikolu 8 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi (il-"Kumitat Konġunt") biex imexxi l-Ftehim u jieħu deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni u l-funzjonament tajjeb tal-Ftehim. Skont il-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

(3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu, peress li dawk ir-regoli ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni

(4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ([2]).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2307 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (ĠU L 331, 14.12.2017, p. 1).

([2]) Ara d-dokument ST 7778/21 fuq http://register.consilium.europa.eu